Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Numru 343/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**Vs**

Consiglio Baldacchino

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Consiglio Baldacchino ta’ karta ta’ identita’ numru 183563(M), akkuzat talli:

1. Fit-18 ta’ April 2005, wara nofsinhar, gewwa Ta’ Sliema u gewwa dawn il-Gzejjer, ghamel uzu minn stallazjoni, apparat, strument jew accesorji ohra ghal ghanijiet barra minn dak li huma provduti; u aktar talli ghamel uzu minn sistema ta’ telefon ghal skop illegali jew mhux xieraq; u aktar talli ghamel uzu minn sistema tat-telefon sabiex johloq dwejjaq, inkonvenjent jew inkwiet lil Dr Mario Scerri;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hedded serjament bil-mezz ta’ karta miktuba jew bil-fomm lil Dr. Mario Scerri b’delitt sew jekk b’mod anonimu, kemm jekk iffirmat bl-isem tieghu jew b’isem mahluq, u dan ai termini tal-Artikolu 249 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Dr. Mario Scerri, wegghu bi kliem, b’gesti jew kitba, b’disinji jew b’xi mod iehor u dan ai termini ta’ l-artikolu 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel attentat ta’ korruzjoni ta’ xhud, perit jew interpretu fi proceduri civili jew kriminali u dan ai termini ta’ l-artikolu 102 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fl-liema ppersista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Semghet lill-kwerelant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Ikkunsidrat:

Huma dawk li huma l-provi li nstemghu qabel l-ammissjoni tal-imputat, ir-reati lilu addebitati jinsabu pjenament pruvati bl-ammissjoni tieghu.

In kwantu ghall-ammissjoni hija wahda inkondizjonata u volontarja.

Tiddecidi ghalhekk li wara li rat l-Artikolu 249, 252, 102(b) u 17 tal-Kap 9 li tillibera lill-imputat taht l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta’ sena mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor f’dan il-perjodu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------